

Stqarrija għall-istampa tal-FRA  
Vjenna, 22 ta' Frar 2017

## **Ġustizzja adatta għat-tfal: il-perspettiva tat-tfal:**

**Tfal involuti fi proċeduri tal-qorti spiss iħossuhom imbeżżgħin, mhux ikkunsidrati u infurmati ħażin, skont dak li juri rapport ġdid mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA). Billi jistaqsi tfal minn Stati Membri differenti tal-UE dwar l-esperjenzi u l-fehmiet tagħhom, dan ir-rapport innovattiv juri kemm għad fadliina biex is-sistemi tal-ġustizzja tagħna nagħmluhom adatti għat-tfal.**

*"Aħna qegħdin nitfgħu lil tfal li diġà esperjenzaw jew raw affarijiet skonvolġenti f'sitwazzjoni stressanti bla bżonn. Kemm dawk li jfasslu l-politika kif ukoll dawk li jipprattikawha għandhom jiżguraw li l-ansjetajiet ta' tfal involuti fi proċeduri tal-qorti jittieħdu b'serjetà u jinżammu għal minimu,"* qal id-Direttur tal-FRA [Michael O'Flaherty](#). *"Dan ir-rapport jagħti gwida ċara dwar il-mezzi li bihom Stati Membri jistgħu jiżguraw li leħen it-tfal verament jinstema', u fl-istess ħin iħossuhom siguri u protetti."*

Madwar 2.5 miljun tifel u tifla madwar l-Ewropa kull sena huma involuti bħala vittmi, xhieda jew partijiet fi proċeduri ġudizzjarji. Dawn jistgħu jkunu għied għall-kustodja fi proċeduri ta' divorzju jew każi ta' abbuż jew sfruttament sesswali.

Ir-rapport "[Ġustizzja adatta għat-tfal: Il-perspettivi u l-esperjenzi tat-tfal involuti fi proċeduri ġudizzjarji](#)" huwa bbażat fuq intervisti ma' 392 tifel u tifla. Ir-rapport jidentifika kemm l-ostakli li t-tfal jaffaċċjaw u soluzzjonijiet possibbli, kif ukoll numru ta' prattiki promettenti li diġà jintużaw fi Stati Membri tal-UE.

It-tfal enfasizzaw l-importanza tad-dritt tagħhom li jinstemgħu b'fehim u b'rispett. Dan juri l-bżonn ta' linji gwida ċari u prattiċi, kif ukoll ta' taħriġ lill-professjonisti kollha li jiġu f'kontatt mat-tfal. It-tfal iridu wkoll jinżammu informati matul il-proċeduri ta' spiss twal dwar żviluppi fil-każ u dwar id-drittijiet tagħhom stess. Dan juri l-bżonn li tiġi pprovduta informazzjoni xierqa għall-età qabel, waqt u wara l-kawża.

Mill-intervisti ħareġ ċar li ħafna sitwazzjonijiet iġiegħlu lit-tfal iħossuhom inċerti u mhux siguri. Hawnhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom salvagwardji proċedurali fis-seħħ li jilqgħu l-bżonnijiet tat-tfal, f'każijiet estremi bħal dawk li jikkonċernaw vjolenza domestika jew abbuż sesswali iżda wkoll f'ħafna każijiet ta' kustodja madwar l-UE. Dawn is-salvagwardji jistgħu jinkludu postijiet ta' smiġħ adatti għat-tfal, links b'vidjo ta' evidenza rrekordjata minn qabel, kif ukoll il-protezzjoni tad-data personali tat-tfal mill-midja u mill-pubbliku.

Is-sejbiet huma bbażati fuq intervisti ma' tfal f'9 Stati Membri: Il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Ispanja u r-Renju Unit. Ir-rapport jikkomplimenta r-rapport preċedenti tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali li fih [perspettivi tal-professjonisti](#) fuq il-ġustizzja adatta għat-tfal.

**Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ara wkoll il-[pakkett għall-istampa](#) u [kkuntattja: media@fra.europa.eu](mailto:media@fra.europa.eu) / Tel.: (+43) 1 580 30 642**

### **Noti lill-edituri:**

- Fit-28 ta' April, ir-rapport ser jiġi ppreżentat fil-FRA waqt avveniment mal-Ministru Irlandiż tat-Tfal u l-Affarijiet taż-Żgħażaġħ, Dr Katherine Zappone.
- Il-FRA tipprovdi pariri bbażati fuq l-evidenza lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq il-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'hekk tikkontribwixxi biex id-dibattiti u l-politiki dwar id-drittijiet fundamentali jkunu aktar infurmati u mmirati aħjar.
- Iktar dwar [xogħol għad-drittijiet tat-tfal](#) tal-Aġenzija jinsab online.